ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# Minuti tal-51 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

Il-51 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 19 ta' Frar, 2014.

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista ppresediet il-laqgħa.

Item 1- Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Mario Bartolo u s-Sur Luciano Farrugia.

Is-Sur Simon Vella kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sinjura Debattista li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo il-Kumitat qabel unanimament li japprova l-Minuti tal-50 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Bartolo tkellem dwar ix-xogħol li mistenni jsir mill-Gvern Ċentrali fi Triq Dun Salv Sciberras u fi Triq Patri Feliċjan Grech u saħaq dwar l-importanza li jkun hemm koordinament tax-xogħol li jsir mill-entitajiet f'dawn it-toroq.

Dwar ix-xogħol li ser isir min Transport Malta fi Triq Patri Feliċjan Grech, il-Kumitat fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia ppropona li terġa tinkiteb ittra lill-Perit Charmaine Bonnici fejn jerġa jintalab sabiex tiġi rranġata parti minn Triq il-Farfett tal-Fejġel peress illi qed izomm ħafna ilma tax-xita.

Is-Sur Bartolo tkellem dwar ix-xogħol ta' bankina ġdida li sar fi Triq San Leonardu u qal li l-kuntrattur kien għamel il-bankina mingħajr ma hu kien iltaqa' mal-Perit tal-Kunsill. Is-Sur Bartolo qal li l-kuntrattur inghata xi struzzjonijiet minn xi ħadd u fl-ebda stadju ma nforma lill-Kumitat Amministrattiv li kien ser jibda x-xogħol fuq il-bankina. Is-Sur Bartolo ppropona li l-Kumitat jitlob lill-Perit jikkonferma jekk il-bankina sarietx skont il-

pjanta approvata minn Transport Malta u jekk dan ma sarx għandu jitwaqqaf il-pagament għal dan ix-xogħol. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta ta' Sur Bartolo u l-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kumitat Amministrattiv ġie nfurmat illi l-allokazzjoni tiegħu għas-sena 2014 ser tkun ta' €67,011.

Inqara avviz mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar id-data tal-elezzjonijiet tal-Kumitati Amministrattivi maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 7 ta' Frar 2014.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Fuq proposta tac-Chairperson li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia l-Kumitat qabel unanimement li l-Laqgħa Annwali Pubblika 2014 issir nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar 2014 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Fis-7.00 ta' filgħaxija is-Sur Clews talab li jkun skuzat

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Luciano Farrugia talab li tiġi rranġata l-bankina viċin Frankie Garage fi Triq l-Għakrux. Huwa talab ukoll li tingħata dehra ġdida lir-*roundabout* ta' Triq San Leonardu.

Is-Sur Bartolo semma l-ħtieġa li jsir resurfacing fi Triq in-Naħla. Is-Sur Farrugia ssekonda lis-Sur Bartolo u l-Kumitat qabel unanimament li l-Kumitat jirranġa temporanjament din it-triq u jitlob l-għajnuna tal-Ministru għat-Trasport biex din it-triq tiġi rranġata.

Is-Sur Bartolo tkellem dwar il-ħtieġa li jiġu rranġati zewġ *inspection chambers* imkissra li hemm fi Triq il-Madaffa. Huwa reġa semma l-ħtieġa li d-Dipartiment tas-Sanita' jieħu passi biex titnaddaf l-art mitluqa li hemm fi Triq Patri Feliċjan Grech ma' Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-52 laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 18 ta' Marzu, 2014.

Maria Elena Debattista
Chairperson